MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 636/2007

**Hix Limited [C 2327]**

**vs**

**HSBC Bank Malta Plc [C 3177]**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mis-socjeta' attrici fit-12 ta' Gunju, 2007, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi fit-28 ta' Marzu, 2006 giet liberata a favur l-bank intimat il-proprjeta
konsistenti f'appartament ossija ufficju internament immarkat bin-numru wiehed (1) fl-ewwel sular, appartament li jinsab fit-tieni sular immarkat bin-numru tnejn (2) u l-penthouse bl-arja taghha, ilkoll formanti pari minn blokk ta' appartamenti li jinsab f'numru tlieta u disghin (93) Triq it-Torri, Sliema;

Illi fil-kors tal-process ghall-bejgh tal-imsemmija proprjeta ma gewx segwiti il-formaliatjiet mehtiega skond il-ligi f'dak Ii jirrigwarda kemm notifiki tal-atti marbuta mal-process ghall-bejgh bl-irkant tal-imsemmija proprjeta u kif ukoll tal-atti Ii jirrgwardaw ii-process ghat-talba mill-bank intimat ghall-offerti minnu animo compensandi sabiex ghalhekk il-liberazzjoni tat-28 ta' Marzu, 2006 u I-atti kollha Ii wasslu ghal din I-istess liberazzjoni huma irregolari, illegali u ghalhekk nulli;

Illi dan kollu ser jigi ppruvat f'aktar dettal waqt is-smigh ta' din il-kawza u dan b'riferenza diretta ghall-atti kollha kemm tal-process ta' bejgh bl-irkant u kemm tal-process marbut mat-talba mill-bank intimat ghall-offerti minnu animo compensandi;

Talbet li l-bank konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

(1) prevja I-allegazzjoni tal-atti relattivi kemm ghall-process ghall-bejgh bl-irkant tal-proprjeta fuq imsemmija [Subbasta Numru 61/04] u tal-atti relattivi ghat-talba maghmula mill-bank intimat fl-atti tal-istess process ta' bejgh bl-irkant ghall-offerti minnu animo compensandi tiddikjara illi I-liberazzjoni tal-proprjeta konsistenti f'appartament ossija ufficju internament immarkat bin-numru wiehed (1) fl-ewwel sular, appartament Ii jinsab fit-tieni sular immarkat bin-numru tnejn (2) u I-penthouse bl-arja taghha, ilkoll formanti parti minn blokk ta' appartamenti Ii jinsab f'numru tlieta u disghin (93) Triq it-Torri, Sliema u Ii saret fit-28 ta' Marzu, 2006 ghaf-favur tal-bank intimat flimkien mal-atti kollha marbuta mal-bejgh bl-irkant u Ii wasslu ghal din il-liberazzjoni u t-talba mill-Bank intimat ghall-offerti minnu animo compensandi huma nulli u minghajr effett stante illi I-esponenti socjeta attrici bhala debitrici tal-bank intimat ma gietx debitament notifikata b'atti Ii skond l-Artikoli applikabbli tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kien mehtieg Ii tigi debitament notifikata bihom;

BI-ispejjes kontra I-bank intimat Ii jinsab minn issa ngunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tas-socjeta’ attrici.

Rat ir-risposta guramentata tal-bank konvenut HSBC Bank Malta Plc, li in forza taghha huwa eccepixxa :

1. Illi preliminarjament:

a. Ir-rikors odjern huwa intempestiv ghaliex kien immissha saret citazzjoni ‘ad hoc' fejn ir-rikorrenti f’dawn il-proceduri setgha talab is-sospensjoni tas-subbasta in kwistjoni 'a tempo vergine' u mhux f’dan l-istadju ferm wara illi s-subbasta numru 61/04 saret finali u dawn il-proceduri saru semplicement in kontra kambju ghar-rikors ta' zgumbrament li sar mill-esponenti nomine fl-ismijiet inversi u li huwa pendenti quddiem dina l-Qorti diversament presjeduta u tinsab differita ghat-22 ta' Novembru 2007 - Rik 369/07AL - u sabiex jitwalu l-imsemmija proceduri ta' zgumbrament;

b. Il-gudizzju fil-proceduri odjerni mhuwiex integru, ghaliex, f’kull kaz u minhabba n-natura tat-talba d-Direttur tar-Registru Pubbliku kif ukoll id-Direttur tal-Qrati Civili u Tribunali kellhom jiffurmaw parti minn dawn il-proceduri;

c. Ir-rikors odjern ghandu, f’kull kaz. jigi rikjamat quddiem dina l-Qorti diversament presjeduta billi huwa konness mar-rikors fl-ismijiet inversi - rik 369/07 AL - li jinsab differit ghat-22 ta' Novembru 2007 u dana a tenur tal-artikoli 792 et seq. tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili;

2. Illi, fil-meritu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez ghaliex:

a. Is-subbasta numru 61/04 u l-liberazzjoni 'animo compensandi' m’humiex nulli u minghajr effett minbabba nuqqas ta' notifiki kif allegat fir-rikors odjern;

b. Ir-rikors odjern huwa biss anell iehor fil-katina shiha ta' proceduri maghmula mid-debitur tal-Bank intimat - cioe'

is-socjeta' Hix Limited - sabiex ikompli itawwal u l-effett tas-subbasta in kwistjoni ikompli ma jigix attwat skond il-ligi;

c. It-talba tar-rikorrenti hija formulata f'termini generali u vagi b'mod illi filwaqt illi ssir allegazzjoni ta' nuqqas ta' xi notifiki, mkien m'hu qieghed jigi indikat fejn u kif jezistu dawn in-nuqqasijiet u, anki ghalhekk biss, it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi skartata bhala ghal kollox vessatorja bl-ispeijez doppji kontra s-socjeta' rikorrenti;

Illi, sabiex jigi evitat aktar dewmien inutili, s-socjeta' intimata qeghda tallega hawn bhala dokument A kopja legali tal-atti tas-subbasta numru 61/04 mnejn jirrizulta bl-aktar mod car illi s-subbasta in kwistjoni hija valida u legali u li saru n-notifiki kollha mehtiega mill-ligi f'kull stadju fejn rikjest;

d. Salv argumenti u sottomissjonijiet ulterjuri li s-socjeta' intimata tirriserva li ggib fi stadju ulterjuri ta' dawn il-proceduri;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat id-digriet taghha tal-20 ta' Frar, 2008 fl-atti tar-rikors guramentat numru 369/2007 illi permezz tieghu laqghet it-talba tal-HSBC Bank Malta Plc sabiex tirrikjama quddiemha ir-rikors guramentat odjern Nru 636/2007 fl-ismijiet Hix Limited vs HSBC Bank Malta Plc billi huwa konness mar-rikors guramentat Nru 369/2007, u dana a tenur tal-Artikolu 792 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat :

Illi minkejja li l-Qorti iddifferiet il-kawza diversi drabi ghall-provi tas-socjeta' attrici, is-socjeta' attrici baqghet ma

ressqet l-ebda provi f'din il-kawza u l-bank konvenut iddikjara li il-provi li kellu xi iressaq f'din il-kawza kienu l-atti tas-subbasta esebiti minnu fl-atti ta' dan il-procediment.

Illi ghalhekk il-Qorti tat il-fakulta lill-partijiet sabiex jipprezentaw Nota ta' Sottomissjonijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Rat illi s-socjeta' attrici naqset milli tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet u l-bank konvenut strah fuq in-nota minnu ipprezentata fl-atti tar-Rikors Guramentat numru 369/07.

Ikkunsidrat :

Illi s-socjeta' attrici ma ikkwotatx l-Artikolu jew Artikoli tal-Ligi li fuqu qeghda tibbaza t-talba taghha u lanqas ma ressqet xi prova in sostenn tat-talbiet taghha.

Illi huwa principju rikkonoxxut illi l-gudikant hu fid-dmir li jiddeciedi "iuxta allegata et probate" u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu jew taghha tkun estratta unikament mic-cirkostanzi tal-fatti migbura u mill-provi imressqa mill-partijiet fil-kawza.

Illi bhala regola il-Qorit ma tindahalx fix-xorta tal-prova jew provi illi igibu l-partijiet.  Dan hu mholli fid-disponibilta u fid-diskrezzjoni tal-parti li taghmel l-allegazzjoni u huwa fatt rikonoxxut illi min jallega irid jipprova.

Illi l-kompitu tal-Qorti huwa dak li tiddeciedi l-kawza fuq il-bazi tal-provi prodotti ghall-ezami taghha u jekk il-parti tittraskura u ma tressaqx provi, bhal ma gara fil-kaz odjern, u ma iggibx il-prova dokumentarja ghad-dizimpenn tal-obbligu illi ghandha sabiex tissorregi t-talbiet taghha, ma tistax umbaghad tirrinfaccja lill-Qorti b'xi pregudizzju.

Illi effettivament ghalhekk peress illi s-socjeta' attrici ma ressqet l-ebda prova u lanqas ma ghamlet xi sottomissjonijiet in sostenn tat-talbiet taghha il-Qorti ma tistax tilqa l-istess talbiet.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda **tichad** it-talbiet kollha tas-socjeta’ attrici; bl-ispejjez kontra l-istess socjeta’ attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------